# IL-BATTAJA
# TA’
# ARMAGEDON
# U
# L-BIBBJA

Minn
George Ebejer

# IL-BATTAJA TA' ARMAGEDON
## (Rivelazzjoni 16:13-21)
## (L-Ewwel Parti)

Qatt inti smajt il-kelma "Armagedon"? F'ċirki reliġjużi din hija waħda mis-suġġetti favoriti ta' diskussjoni. Rivelazzjoni 16 jintroduċina għal din il-kelma eċċitanti.

Fil-Palestina tat-tramunatana bejn il-Baħar tal-Galilija u l-Baħar Mediterran, hemm tliet muntanji prinċipali. Fuq il-kosta tal-Baħar Mediterran hemm il-Muntanja Karmel. Din il-muntanja wieħed l-aħjar li jiftakarha mit-Testment il-Qadim bħala l-muntanja fejn Elija kellu l-kuntest tiegħu ma' l-450 profeta ta' Bagħal (1 Slaten 18:20-39). Iżda mhux il-bogħod mill-Muntanja Karmel testendi t-tieni muntanja, il-Muntanja Tabor, u t-tielet muntanja, il-Muntanja Gilbugħa. Dawn it-tliet muntanji jiffurmaw trijangolu fit-tramuntana tal-Palestina. Bejniet dawn il-muntanji hemm pjanura, jew wied, il-Wied ta' Ġiżragħel. F'dan il-wied darba kien hemm il-belt antika li kien jisimha Megiddo (Ġożwè 17: 11-13). Qrib dik il-belt hemm muntanja żgħira jisimha l-Muntanja Megiddo, jew Armagedon. Minn din il-parti fil-Palestina, aħna nieħdu l-kelma ta' l-istudju tagħna.

## FEJN QIEGĦED ARMAGEDON

Ħafna minna huma familjari mal-battalja li hija msejħa "Il-Battalja ta' Armagedon." Innota l-kelma "Armagedon." Il-kelma Griega għall-"muntanja" kienet *ar*, iżda n-nifs goff jagħtiha ħoss ta' "ħ" li tinstama' bħala "Ħarmagedon." Din sempliċiment tfisser muntanja. Imbagħad Megiddo kienet il-belt. Meta npoġġu dawk iż-żewġ kelmiet flimkien aħna jkollna "Muntajna ta' Megiddo" jew "Armagedon." (Ara Lezzjoni 52, paġna 723-725.)

Din tħares fuq dan il-wied kbir, il-Wied ta' Ġiżragħel. Kien intqal li aktar battalji kienu miġġielda fil-Wied ta' Ġiżragħel minn kull post ieħor fid-dinja. Għal dik ir-raġuni, Rivelazzjoni 16 tuża l-kelma "Armagedon." Dan kien post ta' battalja. Matul is-snin kollha, din kienet għalqa tal-battalja.

## X'RA ĠWANNI

X'ra Ġwanni? Din hija ċ-ċavetta biex aħna nifhmu Armagedon. Ħalli nibdew f'vers 13 ta' kapitlu 16:

> "*U rajt ħerġin tliet spirti mniġġsa, qishom żrinġijiet, minn ħalq id-dragun, u minn ħalq il-bhima, u minn ħalq il-profeta falz.*"

L-ewwel, Ġwanni ra xi ħaġa bħal żrinġijiet. Hu jidentifikahom bħala spirti mniġġsa. Ra Ġwanni żrinġijiet tassew? Le, hu ra spirti mniġġsa, u dawn kienu qishom żrinġijiet. Huwa l-użu ta' żrinġijiet letterali jew figurattiv? "Żrinġijiet" huwa figurattiv.

It-tieni, Ġwanni jgħid li ra d-dragun, għaliex iż-żrinġijiet ħarġu minn ħalq id-dragun. F'kapitlu tnax aħna naraw id-dragun. Huwa identifikat f'kapitlu tnax bħala Satana jew id-demonju jew ix-xitan. Aħna nafu li dragun m'għandiex tittieħed letteralment. Dan huwa rappreżentattiv ta' Satana, mexxej tal-qawwiet spiritwali tal-ħażen. Satana mhuwiex dragun letterali. Imma huwa feroċi bħal daragun.

Imbagħad Ġwanni ra l-ħalq tal-bhima. F'Rivelazzjoni 13, Ġwanni ra bhima tiegħla mill-baħar. Aħna identifikajna dik il-bhima f'kapitlu 12 bħala gvern uman għaliex Satana uża gvern uman fl-ewwel seklu (u għadu jagħmel dan il-lum ukoll) biex jopponi l-kawża ta' Alla. L-Imperu Ruman b'digriet uffiċjali ppersegiwta lill-knisja. Il-bhima tiegħla mill-baħar kienet gvern uman użat minn Satana. Hawn f'kapitlu 16 Ġwanni jara spirti ħżiena. Hu jara lid-dragun u l-ispirti ħżiena ħerġin minn ħalq id-dragun, jew huma ġew 'il quddiem minn Satana. Hu jara din il-bhima, gvern uman, użata minn Satana.

Vers tlettax jgħid li dawn iż-żrinġijiet ħarġu minn ħalq id-dragun, ħarġu minn ħalq il-bhima, u ħarġu minn ħalq il-profeta falz. Dan huwa interessanti għaliex f'kapitlu 12 aħna rajna d-dragun, Satana; f'kapitlu 13 rajna l-bhima tiegħla mill-baħar, gvern uman, u l-bhima barra mill-art, reliġjon falza. Aħna identifikajna l-bhima barra mill-art bħala reliġjon falza għaliex din kienet użata minn Satana biex tħeġġeġ lin-nies ħalli jagħtu qima lill-gvern uman, il-gvern ta' Ruma. Hawn mhijiex imsejħa l-bhima ta' l-art, imma l-profeta falz. Profeta huwa wieħed li jitkellem għal ħaddieħor. Jekk wieħed jitkellem għal Alla dan ikun profeta tas-sew; jekk hu jitkellem għal xi ħadd ieħor, dan ikun profeta falz.

Dak li Ġwanni jara hawn huwa eżattament dak li ra f'kapitli 12 u 13. Ġwanni ra d-dragun, Satana; huwa ra l-bhima tiegħla mill-baħar, gvern uman, użat minn Satana; u hu ra l-bhima tielgħa barra mill-art, reliġjon falza. Kważi vers 13 kollu, mela, huwa figurattiv. Iżda jekk vers 13 biċ-ċar huwa figurattiv, allura m'għandniex aħna nkunu attenti f'li nagħtu interpretazzjoni lette-rali lill-vers ta' wara, jew għal dik il-kustjoni, il-versi ta' wara.

F'vers 14, Ġwanni jgħid,

> "*Għax huma l-ispirti tax-xjaten, li jagħmlu l-mirakli. U jmorru għandu is-slaten ta' l-art u tad-dinja kollha, biex jiġimgħuhom għat-taqbida tal-jum il-kbir ta' Alla li jista' kollox.*"

L-ispirti l-ħżiena li jara Ġwanni jirrappreżentaw lil Satana, li qiegħed f'kon-flitt mal-kawża ta' Alla. Qiegħed Ġwanni jitkellem dwar taqbida letterali fejn xwabel u lanez huma wżati jew saħansitra tankijiet tal-gwerra u bombi huma wżati? Le, huwa jgħid li din hija spiritwali. Hija taqbida spiritwali bejn il-kawża tal-ħażen u l-kawża ta' Alla. Rivelazzjoni huwa dwar il-konflitt bejn il-verità u l-iżball, bejn Alla u Satana, bejn it-tajjeb u l-ħażin. Ġwanni hu spe-ċifiku fil-vers 14, jgħid li din hija battalja spiritwali.

# X’WIEGĦED ALLA

F’vers 15, Ġwanni jagħti beatitudni. Beatitudni hija sempliċiment stqarrija li tibda “b'imberkin” jew imbierek. Il- beatitudni tgħid dan:

> *“…Imbierek hu min jishar, u jżomm ilbiesu, biex ma jimxix għarwien, u jaraw il-għajb tiegħu.”*

F’dan il-konflitt spiritwali, imbierek jew hieni huwa dak li jżomm ilbiesu.

Xi jfisser dan? Ifisser dan li jiena nkun imbierek fit-taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin jekk ikolli fuqi l-libsa t-tajba? Le, din mhijiex it-tifsira. F’kapitlu 19: 6-8, Ġwanni ra l-knisja, in-nies ta’ Alla, neżlin mis-sema mlibbsa bħala għa-rusa thejji ruħha għal żewġha. Hija kellha fuqha għażel fin, safi u abjad. Ġwanni jgħid li dan l-għażel huwa l-gustizzja tal-qaddisin. Il-knisja hija n-nies. In-nies ta’ Alla huma mlibbsa bil-għażel fin, safi u abjad, li huwa l-ġust-

***Kristu ħa d-dnub tagħna Fuqu Nnifsu fis-salib biex b’hekk aħna nkunu nistgħu nieħdu l-ġustizzja Tiegħu fuqna nfusna hekk kif nieqfu fil-preżenza ta’ Alla***

izzja. Aħna m’għandna ebda ġustizzja tagħna nfusna. Aħna tlifna l-ġustizzja tagħna nfusna meta dnibna. Innota lit-Tieni Korintin 5:21 jgħid,

> *“Għax lil dak li ma għaraf ebda dnub, Alla għamlu biex ikun dnub għalina; biex aħna nsiru l-ġustizzja ta’ Alla fih.”*

Kristu ħa d-dnub tagħna Fuqu Nnifsu fis-salib biex b’hekk aħna nkunu nistgħu nieħdu l-ġustizzja Tiegħu fuqna nfusna hekk kif nieqfu fil-preżenza ta’ Alla. L-Ewwel Korintin 1: 30 jgħid li Kristu Hu l-ġustizzja. Jekk il-knisja hija mlibbsa bil-ġustizzja, hija mlibbsa bi Kristu.

Kif jiena nilbes ’il Kristu? Din hija mistoqsija importanti ħafna. Jiena għandi jkolli fuqi l-libsa t-tajba. Mela għandi nkun imlibbes bi Kristu. Kif nilbes ’il Kristu? Galatin 3:27 jagħti t-tweġiba jekk aħna lesti għaliha. L-appostlu Pawlu jgħid li,

> *“Intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu ’l Kristu.”*

Minn hawn naraw kemm huwa tagħlim żbaljat li xi ħadd jgħid li l-magħmudija mhix prerekwiżit għas-salvazzjoni. Minn Galatin 3:27 l-Ispirtu s-Santu jurina bl’aktar mod ċar u bi kliem sempliċi kemm hija importanti l-magħmudija għaliex mingħajrha wieħed ma jistax jilbes lil Kristu u b’hekk ma jistax isalva. Jekk hu essenzjali li aħna nkunu mlibbsa bil-ġustizzja u jekk Kristu huwa l-ġustizzja tagħna, hu essenzjali li aħna nkunu mlibbsa bi Kristu.

Jekk nilbsu 'l Kristu meta nkunu mgħammda u jekk aħna ma konniex mgħammda biblikament, kif aħna nkunu mlibbsa bil-ġustizzja?

Ġesù qal storja ta' sultan li pprepara tieġ għal ibnu (Mattew 22:2-14). Meta ġew il-mistednin, wieħed ma kellux libsa tat-tieġ. Is-sultan staqsa, *"Kif ġejt hawn ġew meta m'għandikx libsa tat-tieġ?"* (v. 12) Il-mistieden ma kellu xejn xi jgħid. Is-sultan qal, *"Orbtulu idejh u saqajh, u ħuduh, u ixħtuh fid-dlam ta' barra"* (v. 13). X'inhu l-messaġġ? Jekk niġu għall-festa tat-tieġ ta' Kristu, aħna nkunu neħtieġu li nkunu mlibbsa bil-libsa t-tajba. Jekk ma nkunux, inkunu mixħuta l-barra. U dik il-libsa tista' tintlibes biss permezz tal-magħmudija ta' l-ilma!

Din il-beatitudni tissuġġerixxi li hemm għaddejja taqbida bejn Alla u Satana, bejn il-verità u l-iżball. Il-barka hija ppronunzjata fuq dak li huwa mlibbes bi Kristu.

## XI TFISSER IL-BATTALJA TA' ARMAGEDON

X'inhi t-tifsira ta' din it-taqbida dwar Armagedon?

Megiddo hija dik il-belt żgħira fit-tramuntana tal-Palestina li tinsab madwar sittax-il kilometru bogħod minn Nażaret. Din il-belt għandha storja traġika li tinkludi l-fatt li fuq il-Muntanja Gilbugħa, Sawl waqa' fuq ix-xabla tiegħu u qatel lilu nnifsu meta kien mgħelub mill-Filistin. Kienet traġika għaliex fil-Wied ta' Ġiżragħel is-Sultan tajjeb Ġosija, sultan ta' Ġuda, ħareġ biex jindaħal fl-invażjoni ta' l-Eġizzjani hekk kif huma għaddew mill-art tiegħu fi triqthom lejn l-Assirja. Ġosija ma kellu x'jaqsam xejn fil-battalja, imma hu ħareġ biex jiltaqa' mas-sultan ta' l-Eġittu. Hu kien maqtul hemm. (2 Slaten 23:29).

Din il-belt għandha wkoll storja tajba. Fil-jiem ta' l-Imħallfin, bejn Ġożwè u l-bidu tas-saltna ta' Israel, kien fl-inħawi ta' Megiddo li Alla ta dik ir-rebħa meraviljuża lil Gedgħon, li kellu biss tliet mitt raġel u mpoġġija biex jiġġieldu l-armati tal-Midjanin. Hu kien beda bi 32,000 ruħ, imma Alla bagħat lura d-dar lil kulħadd barra minn 300 ruħ. Hu ried li Gedgħon u n-nies tiegħu li jirrealizzaw li huma ma rebħux il-battalja weħidhom, bil-ħila tagħhom biss,

***Il-battalja ta' Armagedon hija battalja spiritwali li kull persuna hija msejħa biex tiġġieled.***

Imma rebħuha għaliex Alla kien magħhom. Il-profetessa, Debora, b'nies mhux armati tajjeb iltaqgħet mas-sultan ta' Kangħan u l-armata tiegħu u kin-situ. Ta' min josserva lis-sultan ta' Kangħan kellu mriekeb li fiż-żmien tagħ-na jkunu pparagunati ma' armata bil-mixi tiltaqa' ma' armata ta' tankijiet tal-gwerra. X'ċansijiet jista' jkollha l-armata li tinsab miexja fuq riġlejha? Debo-ra ħadet dik l-armata batuta u għelbet għal kollox lis-sultan ta' Kangħan; hija faħħret lil Alla għall-vittorja, għaliex mingħajr l-għajnuna ta' Alla ma kinux jistgħu jirbħu.

Alla jridna li naraw din il-verità. Waqt li aħna naraw li ma jkun hemm ebda tama, Hu jagħtina l-vittorja. Hekk hija l-istorja ta' Megiddo.

***Għall-Ewwel Qarrejja***

Xi tfisser il-Battalja ta' Armagedon għall-ewwel qarrejja? Sakemm l-interpretazzjoni tagħna ta' Rivelazzjoni kienet tfisser xi ħaġa għall-ewwel qarrejja, aħna għandna interpretazzjoni żbaljata. L-ewwel qarrejja ma kinux ikkonċernati bl-Ewropa fl-erbgħinijiet, bil-Korea fil-ħamsinijiet, bil-Vjetnam fis-sittinijiet, jew saħansitra bil-Gwerra ta' Sitt ijiem f'Israel fis-'67 jew b'xi gwerra oħra li tiġi wara bħal dik tal-Golf u oħrajn. Huma kienu kkonċernati dwar għadu spiritwali kbir u jekk ikunu jew ma jkunux rebbieħa.

***Għalina***

Xi tfisser għalina l-Battalja ta' Armagedon? Il-Battalja ta' Armagedon, kif diġa' rajna fil-lezzjoni ta' qabel din, mhijiex gwerra fiżika fuq pjanura ta' sittax-il kilometru l-bogħod minn Nażaret. Din m'għandix tkun magħluqa għall-persuna waħda jew għall-grupp wieħed ta' nies. Din hija konflitt spiritwali bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn il-verità u l-iżball. Din hija battalja spiritwali.

## KONKLUŻJONI

Il-Battalja ta' Armagedon hija battalja spiritwali li kull persuna hija msejħa biex tiġġilidha. Adam iġġilidha u tilifha fil-Ġnien ta' Għeden. Kristu iġġilidha fil-Ġnien ta' Ġetsemani u rebaħha. Inti u jien niġġilduha. Il-prospetti li nirbħuha huma kbar mhux ħażin għaliex Alla jgħid:

> "*Ebda tiġrib ma ġie fuqkom ħlief dak li jiġi fuq kull bniedem: iżda Alla fidil, u ma jħallix li intom tiġġarrbu aktar milli tifilħu; u mat-tiġrib jifthilkom ukoll triq biex teħilsu, biex tkunu tifilħu għalih*" (1 Korintin 10:13).

Aħna żgur li nirbħu. Il-Battalja ta' Armagedon hija deċiżjoni. Int u jien aħna msejħa biex nieħdu deċiżjoni jew favur Alla jew kontra Alla, jew li nobdu l-Kelma Tiegħu jew li ma nobduhiex. Meta nieħdu d-deċiżjoni li nkunu għal Alla, aħna ċertament li nkunu se nirbħu l-battalja.

---

"Jidher għalija li ħafna nies jinsabu fl-istess bastiment ma' Kristofru Kolombu. Hu ma kienx jaf fejn kien sejjer meta beda l-vjaġġ tiegħu. Meta wasal hemm hu ma kienx jaf fejn kien qiegħed, u meta mar lura ma kienx jaf fejn huwa kien." (James M. Braude)

## IL-BATTALJA TA' ARMAGEDON
## Rivelazzjoni 16:14-16
## (It-Tieni Parti)

> "*Għax huma spirti tax-xjaten, li jagħmlu l-mirakli. U jmorru għand is-slaten ta' l-art u tad-dinja kollha, biex jiġimgħuhom għat-taqbida tal-jum il-kbir ta' Alla li jista' kollox. Ara, jien ġej bħal ħalliel. Imbierek hu min jishar, u jżomm ilbiesu, biex ma jimxix għarwien, u jaraw il-għajb tiegħu. U ġemgħahom flimkien f'post li jgħidulu bl-ilsien Lhudi Armagedon*" (Rivelazzjoni 16: 14-16)

Dan huwa l-għola punt tal-battalja tal-gwerra bejn l-armata ta' Satana u dik ta' Kristu. Satana għandu s-setgħat kollha tad-dinja bħala allejati tiegħu (2 Korintin 4:4; Mattew 4:9; Atti 26:18). Huwa normali għall-gwerer li jispiċċaw b'battalja momentuża u deċisiva (D-day). Din l-aħħar battalja tal-gwerra spiritwali tagħna tiġri fil-"jum il-kbir ta' Alla li Jista' Kollox" (Rivelazzjoni 16:14-16). Pietru jgħid dan dwar dan is-suġġett:

> "*Imma s-smewwiet u l-art ta' issa huma merfugħin bl-istess kelma, u miżmumin għan-nar għal jum il-ħaqq u t-telfien tan-nies ħżiena*" (2 Pietru 3:7).

Ukoll naqraw f'Ġuda 6,

> "*U l-anġli li ma żammewx l-ewwel post tas-setgħa tagħhom, imma telqu għamarthom, żammhom marbutin fil-ktajjen ta' dejjem fid-dlamijiet, għall-ħaqq tal-jum il-kbir.*"

Din il-gwerra kienet bdiet fuq is-salib, kif kien ipprofetizzat f'Ġenesi 3:15,

> "*U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu.*"

Il-konsegwenzi ta' din il-battalja tal-bidu bejn iż-żewġ "Kaptani" (Lhud 2:10) għamlu possibbli l-vittorja ta' kull suldat ta' Kristu li "jimxi fih." L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Intom ilqajtu lil Kristu Ġesù l-Mulej; għixu mela magħqudin miegħu; niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu;...*"

Ġwanni jgħid,

> "*Iżda jekk nimxu fid-dawl, kif inhu fid-dawl hu stess, aħna nissieħbu flimkien, u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub.*"

Din il-perfezzjoni ma kinetx possibbli sakemm Kristu wettaq il-"wegħda." Naqraw f'Lhud 11:39-40,

> "*U dawn kollha, għad li qalgħu xhieda tajba bis-saħħa tal-fidi tagħhom, ma kisbux dak li kien imwiegħed, billi Alla rafa' xi ħaġa aħjar għalina, bil-ħsieb li huma ma jaslux għall-perfezzjoni mingħajrna.*"

Ukoll naqraw f'Galatin 3:19,

> "*Għalfejn il-Liġi, mela? Kienet żieda li saret minħabba fid-dnub, sakemm ma jkunx ġie n-nisel li għalih saret il-wegħda, li kienet imxandra mill-anġli permezz ta' medjatur.*"

Dak kien il-jum il-kbir meta "l-Ġerusalem/tabernaklu l-ġdida" ġiet mis-smewwiet għall-art, tagħmel kapaċi lil dawk li jidħlu biex jaraw is-sema u l-art f'dawl ġdid—"sema ġdida u art." Naqraw f'Rivelazzjoni 21:1-5,

> "*U rajt sema ġdida u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-belt il-qaddisa, Ġerusalem il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imhejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha. U smajtu leħen qawwi ġej mit-tron jgħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom. Hu jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajat jew tbtaija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel." Mbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox." Qalli: "Ikteb, għax dawn il-kelmiet huma minnhom u ta' min joqgħod fuqhom.*"

F'dak il-jum l-anġlu ġab il-"katina" li l-Kristjani jistgħu jużaw tant vittorjożament fil-gwerra kontra l-qawwiet ta' Satana (Rivelazzjoni 20:1-13; 1 Timotju 4:1). L-appostlu Pawlu jgħidilna, f'Efesin 6:10-12,

> "*Mill-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-xitan. Għax il-ġlieda tagħna m'hijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet, kontra l-prinċipati ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet.*"

Din il-katina hija l-Evanġelju, "il-verità kollha," xabla ta' l-Ispirtu. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Jiena ma nistħix mill-Evanġelju; għax l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu,…*"

Ġwanni jgħid,

> "*Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha;…*"

F'Efesin 6:17 naqraw dwar ix-xabla ta' l-Ispirtu f'dan il-kliem:

> "*Ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla ta' L-Ispirtu li hi l-kelma ta' Alla.*"

Innota l-valur tagħha f'Ġeremija 23:29; Salm 119:11; Lhud 4:12; eċċ.

"*Jaqaw m'hijiex kelmti bħan-nar, jew bħal imterqa tfarrak il-blat?*" (Ġeremija 23:29)

"*Dawwruni, minn kull naħa rassewni; imma f'isem il-Mulej ir-baħthom*" (Salm 119:11).

"*Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb*" (Lhud 4:12).

F'din l-aqwa gwerra mill-gwerer kollha kull Kristjan jirbaħ skond l-użu tiegħu/tagħha tal-katina. Naqraw fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa,

"*U għax sa minn żgħoritek sirt midħla tal-Kotba Mqaddsa, li jistgħu jagħtuk l-għerf li jwassal għas-salvazzjoni permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3: 16-17).

"*Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet*" (Mattew 5:48).

Hija żżid il-ġmiel u l-għarfien għall-ġrajjiet futuri meta aħna niftakru l-arranġament "progressiv" ta' Alla ta' dellijiet u tipi—minn Ġenesi 'l quddiem. Hekk hu tassew dwar il-battalja ta' Armagedon. Ġerusalem il-qadima kienet sinonima mal-Muntanja Sinaj—iż-żewġ ismijiet issa jirreferu għall-knisja ta' Kristu (kamp), "ġdida" (spiritwali). (Lhud 12:18-28). Alla uża armati ħżiena biex jassedja u jeqred lil Ġerusalem fiżika (Mattew 24:15-26).

Billi Ġerusalem il-ġdida hija universali, Satana għandu jiġbor lil "Gog u Magog" (estremi fuq l-art) biex jassedja "l-kamp tal-qaddisin" (Rivelazzjoni 20:8-9). Din il-kritika kkonċentrata tal-"belt" minn dawk kollha li mhumiex fiha tista' tidher fl-odju jew fil-mibegħda u li ħadd ma jrid jaf biha (ostraċiżmu) tar-reliġjonijiet foloz. Din l-istmerrija magħquda tal-vera knisja hija parti tal-"ftit taż-żmien" (Rivelazzjoni 20:3) li tissepara l-ħakma ta' elf sena mir-ritorn ta' Kristu bin-nar (2 Tessalonikin 1:8) biex iġib fix-xejn il-gwerra kbira spiritwali li fiha Satana jmexxi l-eżerċti kollha tiegħu għall-aħħar sforz idd-isprat tiegħu biex jeqred il-Ġerusalem il-Ġdida li Kristu ħabbarha bħala "li x-xitan ma jistax għaliha" meta Hu bniha (Mattew 16:18-19).

F'din il-battalja finali tal-gwerra li ma kienx hawn bħala (Rivelazzjoni 12: 13-17), in-nar ġej ma' Kristu, Alla u l-anġli Tiegħu, idewweb l-art u kull ma jkun baqa' fuqha. Naqraw hekk dwar dan:

"*U għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak in-nhar li l-Mulej Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ*" (2 Tessalonikin 1:7).

"*U anġlu ieħor, li kellu s-setgħa fuq in-nar, ħareġ minn ħdejn l-artal u għajjat b'leħen qawwi lil dak li kellu l-minġel misnun u qallu: "Midd int il-minġel il-misnun, u iġbor l-għenieqed tad-dielja ta' l-art, għax l-għeneb tagħha sar*" (Rivelazzjoni 14:8).

"*Hekk ukoll bl-istess kelma t'Alla s-smewwiet u l-art ta' llum huma merfugħin għall-ħruq, miżmumin sa jum il-ġudizzju, li jkun jum it-telfien tal-ħżiena*" (2 Pietru 3:7).

Qabel ma dan in-nar ikun applikat, qawwa divina taqbad fis-sħab għall-ġudizzju lin-nies kollha li kienu obdew il-patt li taħtu għexu—dawk kollha li ħallew l-armati ta' Satana biex jidħlu f'ta' Kristu. L-appostlu Pawlu jgħid:

"*F'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jisimgħux mill-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu*" (2 Tessalonikin 1:8).

Ukoll Ġesù qal,

"*U hu jibgħat l-anġli tiegħu, li b'leħen qawwi ta' tromba jiġbru l-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf sa tarf tas-sema.... Mbagħad tnejn ikunu fl-għalqa: wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla; żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien: waħda tittieħed u l-oħra titħalla*" (Mattew 24:31, 40-41).

Din "il-ġabra" murija ċara hija l-unika rivelazzjoni fil-Bibbja li ġiet imgħawwġha għad-dottrina popolari iżda mhux Skritturali ta' llum imsejħa "rapture", rapiment (1 Tessalonikin 4:14-18; 1 Korintin 15:24). Dawn l-istess skritturi jiċħdu wkoll it-teorija moderna li "III Gwerra Dinjija eminenti" tirriżulta fil-qerda totali tal-ħajja kollha bil-bombi nukleari. Iżda Kristu jiġi qabel ma dan jiġri, jaqbad lin-nies Tiegħu qabel ma japplika n-nar Tiegħu mis-sema. Id-dottrina falza relatata ta' żewġ reżurrezzjonijiet hija wkoll irrifjutata mill-Bibbja. Fil-waqt qabel din "il-qabda," il-mejtin kollha kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena joħorġu mill-oqbra fil-qawma fiżika waħda u unika. Ġesù qal,

"*Tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu; dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna*" (Ġwanni 5:28-29).

Minn meta Alla bagħat l-Ispirtu s-Santu u l-anġlu bil-katina biex norbtu lil Satana fil-ħajja tagħna, aħna konna nistgħu nesperjenzaw l-akbar barkiet tad-dinja. Billi l-katina kienet l-Evanġelju, evanġelji mħassra jqarrqu lil dawk li jużawhom u jħalluhom ilsiera ta' Satana (Galatin 1:6-8). Qatt ma kien hemm

kwantità ta' evanġelji mħassra daqs kemm hawn fil-ġenerazzjoni tagħna. Għalhekk, m'aħniex aħna qegħdin fil-"ftit taż-żmien"? Fi ftit kliem, l-akbar bżonn tad-dinja dwar dan is-suġġett ta' spiss imsemmi imma mifhum ħażin huwa li niftakru li l-adulti kollha huma issa ntrigati f'din il-gwerra, iridu jew ma jridux; aħna jew qegħdin fl-armata ta' Satana, jew f'ta' Kristu. Ġesù jgħidilna,

> "*Min m'huwiex miegħi, huwa kontra tiegħi; u min ma jiġborx, ixerred*" (Mattew 12:30).

Il-Mulej qal lil Pawlu hekk kif kien fi triqtu lejn Damasku:

> "*Neħilsek mill-poplu u mill-ġnus pagani li għandhom qiegħed nibagħtek, biex tiftħilhom għajnejhom ħalli jerġgħu lura mid-dlam għad-dawl u mis-setgħa tax-xitan u jduru lejn Alla u bil-fidi tagħhom fija, jiksbu l-maħfra tad-dnubiet u jkollhom sehem ma' dawk li huma kkonsagrati lil Alla*" (Atti 26: 18).

Aħna m'għandniex nistennew sal-jum tal-ġudizzju ħalli mmorru fuq in-naħa t-tajba. Il-Kaptan tagħna jieħu l-kontroll f'dak il-jum b'vittorja glorjuża b'eb-da ġlied fuq in-naħa tagħna. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Biex fl-isem ta' Ġesù—fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art—il-ħlej-jaq kollha jinżlu għarrkubbtejhom, u kull ilsien jistqarr: "Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier*" (Filippin 2:10-11).

## IL-BATTALJA TA' ARMAGEDON
## U ŻAKKARIJA 14
## (It-Tielet Parti)

### Deskrizzjoni

Żakkarija 14 m'għandu ebda riferenzi ta' xejn għall-ħakma millenjali ta' Kristu fuq l-art.

Dispensazzjonalisti – Dawk miġbuda lejn it-twemmin li Kristu għandu jerġa' jiġi fuq l-art biex iwaqqaf saltna politika li fuqha Hu jsaltan għal elf sena –

joqgħodu fuq Żakkarija 14, bħala element importanti tat-Testment il-Qadim ta' l-iskema premillenjali. Kittieb Dispensazzjonali Hobert E. Freeman jikkaratterizza dan il-kapitlu bħala deskrizzjoni tal-"qirda ta' l-għedewwa ta' Iżrael, salvazzjoni ta' Ġerusalem u l-ħakma millenjali tal-Messija fuq id-dinja kollha minn Sijon." Hu jkompli jgħid:

> "Il-profezija ta' Żakkarija hija għat-Testment il-Qadim dak li l-Ktieb ta' Rivelazzjoni huwa għall-Ġdid. Hija l-*Apokalissi* tat-Testment il-Qadim li turi t-trattar ta' Alla tal-futur mal-poplu magħżul Tiegħu Iżrael…Il-ktieb ta' Żakkarija, speċjalment kapitlu 14, jieqaf bħala korrettiv kontinwu għal dawk it-teoriji kollha li jiċħdu r-restawrazzjoni letterali futura ta' Iżrael, wara perjodu ta' kastig, fl-art tagħha stess, li fuqha l-Messija għandu jsaltan f'Sijon" (334-335).

Drammatikament, difensuri tat-teoloġija dispensazzjonali jallegaw li Żakkarija 14:1-3 fihom deskrizzjoni tal-"battalja ta' Armagedon" li qed toqrob, li suppost għandha tiġi fit-tmiem bl-inżul ta' Kristu fuq l-għolja taż-Żebbuġ (v. 4) biex ineħħi l-għedewwa Tiegħu u jibda l-ħakma millenjali tiegħu.

Il-verità tas-suġġett hija, Żakkarija kapitlu 14 *m'għandu ebda riferenza ta' xejn għall-ħakma millenjali ta' Kristu fuq l-art jew għal xi battalja hekk imsejħa ta' Armagedon*. Il-Bibbja tgħallem b'mod indisputabbli lit-Tieni Miġja tal-Mulej *iġġib fit-tmiem il-ħwejjeġ kollha ta' l-art* (2 Pietru 3:4, 10).

**Ħarsa Lejn it-Test**

Il-profeta Żakkarija jbassar "jum tal-Mulej" li għandu jiġi meta l-ġnus ikunu miġbura kontra "Ġerusalem" għall-battalja l-kbira. (versi 1-2). L-orruri tal-konflitt huma mfixkla meta l-Mulej jintervjeni u jiddefendi l-belt kontra l-ġnus. L-għolja taż-Żebbuġ fil-lvant ta' Ġerusalem hija maqsuma fi tnejn, tipprovdi passaġġ biex jgħaddu l-fidili. L-għedewwa ta' Alla huma kkastigati b'kastigi tal-biża' u minn dak il-ħin 'il quddiem Ġerusalem tgħammar fissigurtà, u minn sena għal sena, in-nies iqimu lil Alla li Hu "Sultan fuq id-dinja kollha."

Dwar dan il-kapitlu hekk eċċitanti, ħalli nikkonsidraw dan li ġej:

1. Kif wieħed jiddetermina li din il-profezija għandha x'taqsam ma' "ħakma millenjali" ta' Kristu fuq l-art? Ġesù, waqt il-ministeru Tiegħu fuq l-art, interpreta dan hekk? Ikkwota xi kittieb ispirat tat-Testment il-Ġdid minn Żakkarija 14, jagħtih interpretazzjoni "dispensazzjonali"? It-tweġiba hija "Le." Ma hemm ebda xhieda ta' xejn li tista' turi din il-profezija fid-direzzjoni tal-premillenjaliżmu.

   Attwalment, kittieba tat-Testment il-Ġdid jenfasizzaw li l-osservazzjoni profetika tat-Testment il-Qadim kienet dwar is-salvazzjoni tal-grazzja (1 Pietru 1:10-11) li nfetħet fi nwar mal-bidu ta' ż-żmien tal-evan-

ġelju. Pietru afferma li "l-profeti kollha minn Samwel u dawk li ġew wara, dawk kollha li tkellmu, ħabbru wkoll *dawn il-jiem*" (Atti 3:24). Il-"Dawn il-jiem" kienu l-jiem ta' l-epoka (jew żmien) Kristjana. Il-veduta dispensazzjonali ta' Żakkarija 14 hija arbitrarja u mingħajr ebda prova li sservi ta' xhieda.

2. Problema fundamentali mat-teoloġija premillenjali hija l-inabbiltà tagħha biex tagħraf id-differenza bejn l-elementi letterali u figurattivi ta' l-Iskrittura. Ħafna mill-profezija tal-letteratura tat-Testment il-Qadim hija mqiegħda fi kliem figurattiv li ma jiftihemx, u dawk li ma jagħrfux dan il-prinċipju huma kkundannati għall-falliment fl-interpretazzjoni tagħhom tat-test. Fil-ktieb klassiku tiegħu, **Biblical Heremeneutics**, (Ermenewtika Biblika), il-Professur Milton Terry kiteb: "Interpretazzjoni bil-għaqal tal-partijiet profetiċi ta' l-Iskrittura mqaddsa hija l-biċċa l-kbira tagħha dipendenti fuq padrunanza tal-prinċipji u liġijiet tal-lingwa figurattiva, u ta' tipi u simboli" (313).

## Il-Blugħa ta' li Tilliberalizza Żakkarija 14

Studju bil-għaqal ta' Żakkarija 14 għandu jirrivela li dawk li jippruvaw jilletteralizzaw il-messaġġ ta' dan il-kapitlu, kif jagħmlu l-premillenjalisti, qegħdin jimxu f'korsa diżastruża ta' interpretazzjoni.

Ikkonsidra dan li ġej:

1. Jekk dan il-kapitlu jirreferi għar-ritorn letterali ta' Kristu (jiġifieri, it-Tieni Miġja) fuq l-għolja taż-Żebbuġ, eżattament min huma dawk li jagħmlu l-ħarba tagħhom lejn il-lvant meta l-għolja (il-muntanja) tinqasam? (Żakkarija 14:1-5.) Ma jistgħux ikunu l-ħżiena għaliex il-Bibbja tgħallem ċar li huma jkunu meqruda meta l-Mulej jerġa' jiġi (Mattew 25:31-46; 2 Tessalonikin 1:7-9). Min aktar, nistaqsi jien, ikun baqa'?
2. Vers 8 jitkellem dwar ilma ġieri ħiereġ minn Ġerusalem fis-sajf u fix-xitwa. Billi sajf u xitwa jibqgħu jiġru biss sakemm id-dinja tibqa' (Ġenesi 8:22), u billi l-art ma tkunx baqgħet wara l-Miġja ta' Kristu (2 Pietru 3:4, 10), huwa ovvju li l-ġrajjiet ta' dan il-vers ma jistgħux jiġru wara r-ritorn letterali ta' Ġesù – li skond kif hu maħsub huwa mtarraf għalihom f'vers 4.
3. Vers 12 jgħidilna dwar Alla jidrob lil l-għedewwa Tiegħu u "laħamhom" ikun ikkonsmat. Għal darb' oħra, dan ma jistax jirreferi għall-perjodu wara r-ritorn letterali ta' Kristu; il-Miġja tal-Mulej tkun turi "t-tmiem," f'liema punt il-mejtin ikunu mqajma, u l-ħajjin – f'mument, f'teptipa ta' għajn – ikunu mibdula minn *laħam* għal essenza spiritwali. Aħna ngħaddu mit-taħsir għan-nuqqas ta' taħsir, mill-mortalità għall-immortalità (1 Korintin 15:23-24, 51-53).

## Konsegwenzi Jirriżultaw mill-Veduta Dispensazzjonali ta' Żakkarija 14

Il-veduta dispensazzjonali ta' Żakkarija 14 tolqot sewwasew fil-qalba tax-xogħol ta' tpattija ta' Kristu fis-salib.

Versi 16 u 21 jitkellmu dwar dawk li jitilgħu biex josservaw il-festa tat-tabernakli, u li joffru sagrifiċċji. Għal darb' oħra d-dispensazzjonalisti jillet-teralizzaw il-lingwa, jgħidu li l-Ġudaiżmu, bil-karnalità kollha tiegħu (Lhud 9:6-14) u demm ta' l-annimali, jkun mogħti l-ħajja mill-ġdid fiż-żmien "millenjali." Kittieb għaqli jiffoka fuq id-dugħfija ta' din il-veduta:

> "Huma dawn l-interpretaturi lesti li jaċċettaw ir-restawrazzjoni tal-festa tat-Testment il-Qadim bl-offerti tagħha tas-sagrifiċċji ta' l-annimali? Matul il-festa tat-tabernakli, li bdiet fil-ħmistax-il jum tas-seba' xahar, offerti ta' kuljum ta' annimali kienu magħmula bin-nar, 199 annimal ta' kull xorta kienu offruti, 'barra mill-offerta maħruqa kontinwa, u l-offerti ta' ikel tagħha, u l-offerta tax-xorb tagħha.' (Numri 29:12-38). Fost dawn l-offerti ta' kuljum kien hemm 'bodbod wieħed għal offerta tad-dnub.' Ġesù huwa l-offerta tad-dnub tagħna, u jekk aħna mmorru lura biex noffru bodbod għal offerta tad-dnub aħna għandna nirriġettaw lil Ġesù bħala offerta suffiċjenti għal dnubietna" (Lanier, 633).

Il-liġi tat-Testment il-Qadim, bix-xmajjar tagħha ta' demm ta' l-annimali, kienet immħassra fis-salib (Efesin 2:15-16), għalhekk kienet "imneħħija" (*erken* – fit-temp perfett, turi t-tneħħija għalkollox permanenti tal-liġi ta' Mosè) għal dejjem (Kolossin 2:14). Hija ħasra kbira li llum, ħafna mexxejja reliġjużi, qegħdin jgħallmu tagħlim żbaljat li kien japplika biss għall-poplu Lhudi u li jinsab biss fil-liġi l-antika. Jekk aħna nagħmlu dan inkunu qegħdin ngħidu lis-sagrifiċċju ta' Sidna Ġesù Kristu ma sewa xejn!

Tassew, id-dispensazzjonaliżmu huwa sistema Ġudaistika, materjalistika, u nfidila. Hija sistema li wieħed għandu jibża' minnha ħafna għaliex hija sistema fatali! Immaġina xi jħoss il-Mulej meta dawn l-għalliema foloz igħallmu dak it-tagħlim li jġib is-sagrifiċċu Tiegħu fix-xejn!

## KONKLUŻJONI

Tkun liema tista' tkun it-tifsira ta' Żakkarija 14, din ma tistax tarmonizza mat-teoloġija premillenjali. Żewġ veduti komuni ta' dan il-kapitlu ta' l-għaġeb, miżmuma minn skulari mhux millenjali, huma kif ġej:

1. Xi wħud iżommuha bħala li hija profezija simbolika tal-qirda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K., flimkien ma' tixrid ta' l-Evanġelju matul l-epoka Kristjana wara dan (Collins, 761-763; Wallace, 264-248).
2. L-aħjar veduta, fil-ġudizzju tiegħi, tissuġġerixxi li l-lingwa hija deskrizzjoni figurattiva ta' l-istorja tal-"Ġerusalem" (il-knisja) spiritwali, miż-żmien tal-bidu tagħha fil-jum ta' Pentekoste matul l-epoka Kristjana (ara

Hengstenberg, II.1155-1182; Laetsch, 493-506). Woudstra kellu sommarju sabiħ tas-suġġett.

> "Mill-karattru mħallat tat-tixbiha applikata, tirreferi issa għat-taqlib katakliżmiku, issa pellegrinaġġi regolari għal Ġerusalem, jidher għal dan il-kittieb li ebda interpretazzjoni letterali tal-passaġġ bħal din ma hija ntenzjonata. Il-profezija għandha quddiema diversi aspetti taż-żmien ta' l-evanġelju b'enfasi partikulari fil-konklużjoni tagħha" (377-378).

Il-veduta millenjalista ta' Żakkarija 14 għandha tkun irriġettata b'mod sommarju.

## SORSI


Collins, G.N.M. (1954), *The New Bible Commentary* (Grand Rapids: Eerdmans).

Freeman, Hobart (1968), *An Introduction to the Old Testament Prophets* (Chicago: Moody Press).

Hengstenberg, E.W. (n.d.), *Christology of the Old Testament* (Mac Dill, FL: MacDonald Publishing Co., Vol II).

Laetsch, Theo (1956), *The Mnor Prophets* (St. Louis: Concordia).

Lanier, Roy H., Sr. (1965), *Firm Foundation*, October 5.

Terry, Milton (1890), *Biblical Hermeneutics* (New York: Eaton & Mains).

Wallace, Foy E., Jr. (1960), *God's Prophetic Word* (Oklahoma city: FEW, Jr. Publications).

Woudstra, Marten (1960), *The Biblical Expositor*, Carl F.H. Henry, ed. (Philadelphia: A.J. Holman Co., II).